MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 22

14 ta' Lulju 2014

Minuti tas-seduta Nru. 22 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn l-14 ta' Lulju 2014.

### PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha minbarra l-Kunsillieri A. Brincat Stellini li talbet tiġi skużata minħabba li kienet indisposta. Il-ħatra ta' l-Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ kienet għadha ma saritx wara li skada t-terminu ta' Sinjorina Raquel Cutajar. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti tas-seduta.

### KONDOLJANZI

Fil-bidu tas-seduta, is-Sindku, f`isem il-Kunsill kollu, ta l-kondoljanzi lill-Kunsillier E. Bartolo wara l-mewt ta' omm il-mara tiegħu Salvina Abela, li ġrat fit-13 ta' Lulju 2014. Huwa awgura li f'dawn il-mumenti ta` sogħba jsib il-kuraġġ biex ikompli l-ħidma tiegħu.

Is-Sur E. Bartolo irringrazzja lil kull min attenda l-funeral jew wera simpatija miegħu u ma' martu Marija.

### TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsill approva l-minuti tas-Seduta Nru. 21 u għaldaqstant s-Segretarju ġie mitlub jippubblika l-istess minuti fis-sit elettroniku www.lc.gov.mt. Is-seduta ġiet trasmessa direttament permezz tal-internet.

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Proposti lill-Gvern Ċentrali dwar Proġetti Kapitali (P/4/32)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.6.1. tas-seduta ta' qabel. Is-Sur J. Buttigieg qal li wara l-laqgħa li saret mas-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali l-Onor. Stefan Buontempo, għandha ssir laqgħa oħra mad-Deputati Parlamentari tat-Tnax-il Distrett. Dan bil-għan li ssir preżentazzjoni tal-proġetti. Huwa ssuġġerixxa li din issir is-Sibt 2 ta' Awwissu 2014 fid-9.30am.

2.1.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

### 2.2.1. Attrezzi fid-Dar tal-Anzjani u ċ-Ċentru ta' Matul il-Jum (A/1/2/Vol VII)

2.2.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-minuta 2.11.3. tas-seduta preċedenti u kkummenta dwar il-proposta sabiex tinxtara *projector* għas-sala li hemm f'Dar il-Madonna tal-

Mellieħa. Huwa qal li l-obbliġi tal-Kunsill jieqfu saċ-Ċentru ta' Matul il-Jum u mhux id-dar tal-anzjani *per se`*. Huwa fakkar li l-operatur tad-dar hija entita` privata.

2.2.3. Il-Kunsill qabel mal-punt imqajjem u ġie deċiż li kemm-il darba tinxtara *projector*, din tiġi nstallata fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum u tidħol fl-inventarju tal-Kunsill.

### 2.3.1. Stimi dwar l-introduzzjoni ta' bandla fil-*Playing Field* ta' Triq l-Erwieħ għal persuni li jużaw is-siġġu tar-roti (P/4/14)

Il-Kunsillier E. Bartolo aċċenna għall-minuta 9.2. tas-seduta ta' qabel dwar is-Sejħa għall-Istimi Nru. 2/2014 - Xogħol Infrastrutturali. Huwa rrefera għall-*item* 4(c) tal-*bill of quantities* u qal li l-kelma *"fabric"* għandha tiġi mibdula bil-kelma *"steel"*.

2.3.2. Il-Kunsill qabel mal-korrezzjoni u talba li tinġibed l-attenzjoni tal-*Contracts Manager*.

### 2.4.1. Servizz tal-Gwardjani Lokali (W/3/Vol XI)

2.4.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-minuta 12.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li wara illi saret talba mill-Kunsill sabiex il-ħinijiet jibdew isiru aktar tard filgħodu u filgħaxija, irriżulta li servizz mitlub wara s-6.00pm jirrikjedi żewġ ġwardjani. Dan sar wara ftehim kollettiv li ġie ffirmat, illi lanqas il-Kumitat Regjonali ma kien infurmat dwaru. Għaldaqstant biex jiġu evitati l-ispejjeż, il-ħin tas-servizz ta' wara nofsinhar ser ikollu jiġi regolat minħabba din ir-raġuni. Huwa qal li kien hemm konsultazzjonijiet dwar dan bl-imejl bejnu, is-Sindku, l-Viċi Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv u kien hemm qbil li s-servizz ikun bejn id-9.00am u nofsinhar u mit-3.00pm sas-6.00pm, b'effett mit-13 ta' Lulju 2014.

2.4.3. Il-Kunsillier E. Bartolo kompla jgħid li fl-aħħar seduta tal-Kumitat Regjonali tqajjem l-argument dwar is-sostenibilta` tas-servizz tal-*ECO Wardens* li qed jiġi jiswa €6,200 fix-xahar mingħajr ma' tiġi rreġistrata kontravvenzjoni waħda. Tressqet il-proposta sabiex dan jitwaqqaf, iżda deċiżjoni dwar dan ġiet posposta, peress li hemm delegati li riedu jikkonsultaw mal-Kunsilli rispettivi tagħhom. Is-Sur E. Bartolo, qal li huwa personalment jaħseb li jkun aħjar jekk dawn il-flus jintefqu fuq kampanja edukattiva.

2.4.4. Il-Kunsill approva l-ħinijiet indikati fil-minuta 2.4.2 aktar 'il fuq, kif ukoll is-sospensjoni tas-servizz tal-*ECO Wardens* li saret referenza għalih fil-minuta 2.4.3.

### 2.5.1. *Pedestrian Crossing* fi Triq Ġuże` Flores (T/3/2/Vol XII)

2.5.2. Is-Segretarju aċċenna għall-minuti 21.4 u 21.5 tas-seduta ta' qabel fejn il-Kunsill talab li Transport Malta tintalab tikkonsidra l-introduzzjoni ta' *raised plateau*. Huwa qal li fost il-kundizzjonijiet imposti minn Transport Malta fl-approvazzjoni li taw biex tkun tista' issir il-*pedestrian crossing*, hemm li:

- Jsiru *belisha beacons* u *spot lights* fuq iż-żewġ naħat tat-triq;
- Isiru *buildouts* biex titnaqqas il-wisa' tat-triq fejn trid issir iż-*zebra crossing*;
- Isiru *zig-zag lines* sabiex ma jsirx ipparkjar tal-vetturi qrib iż-*zebra crossing*;
- Ipparkjar jista' isir fuq in-naħa ta' Ġnien Dun Anton Debono bejn żewġ *buildouts* li jridu jsiru fi Triq Ġuże` Flores kantuniera ma' Triq Pietru Pawl Caruana u Triq Toni Pace;
- Isiru *speed humps*; u
- Tabelli biex jinfurmaw lis-sewwieqa minn qabel li jkunu qrib *pedestrian crossing*.

2.5.3. Fid-dawl tat-tagħrif mogħti, il-Kunsill kien tal-fehma li m'hemmx lok ta' insistenza fuq l-introduzzjoni ta' *raised plateau.*

### 2.6.1. Ftehim dwar it-tmexxija tal-*Heritage Trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ (P/10/3A)

2.6.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 10.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li l-ftehim mal-Fondazzjoni ARKEO ġie ffirmat fl-10 ta' Lulju 2014, skont l-aħħar abbozz approvat mill-Kunsill. Is-Sur J. Buttigieg qal ukoll li fil-15 ta' Lulju 2014 ser issir żjara fl-irżieżet bil-għan li tinġabar lista ta' oġġetti li jinsabu f'dawn il-binjiet sabiex tiġi annessa mal-ftehim.

2.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.7.1. Batterija tal-Mistra (R/2/Vol II)(A/6/7/1)

2.7.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.8.1. tas-seduta preċedenti u qal li fit-8 ta' Lulju 2014 saret żjara fil-Batterija tal-Mistra li flimkien miegħu attendew il-Viċi Sindku C. Bartolo, u l-Kunsillieri J. Attard, E. Bartolo u A. Brincat Stellini. Id-delegazzjoni tal-Kunsill kienet imdawra mal-post miċ-Chairman u l-Kap Eżekuttiv tal-Fondazzjoni Wirt Artna s-Sur Mario Farrugia u tliet diriġenti oħra mill-istess fondazzjoni. Ġie spjegat li meta x-xogħol jitlesta, dan il-bini ser jintuża bħala ċentru ta' interpretazzjoni u attivitajiet soċjali. Is-Sur Farrugia qal li beħsiebu jikteb lill-Kunsill sabiex jinstab mod effikaċi ħalli jiġi kkontrollat id-dħul tal-vetturi qrib il-batterija, filwaqt li l-aċċess bir-riġel jibqa', bil-għan li jiġi evitat ir-rimi ta' skart li qed isir min-nies li jmorru fl-inħawi minn ġimgħa għal ġimgħa.

2.7.3. Is-Sur J. Buttigieg kompla jgħid li l-fondazzjoni ser tagħmel talba formali lill-Kunsill sabiex jappoġġja l-proġett, u kif dan jitlesta jkunu jistgħu jħarsu lejn ir-restawr tat-Torri l-Abjad. Is-Sindku faħħar il-mod professjonali li l-fondazzjoni twettaq il-proġetti li tidħol għalihom u tkompli t-tmexxija wara li dawn jitlestew.

2.7.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.8.1. Superviżjoni tat-traffiku fit-triq tal-Miżieb (T/3/2/Vol X)

2.8.2. Il-Kunsillier J. Attard aċċenna għall-minuta 20.1. tas-seduta preċedenti u ssuġġerixxa li l-ħinijiet li fihom tidħol fis-seħħ is-sistema tal-*one-way* fi Triq il-Miżieb għandhom jinbidlu għaliex attwalment fix-xhur tas-sajf qed tibda u tispiċċa kmieni wisq, meta jkun għad-fadal ħafna traffiku ħiereġ mill-Mellieħa.

2.8.3. Il-Kunsill laqa' l-proposta u ddeċieda li t-tabelli eżistenti għandhom jiġu mibdula biex jinqraw kif ġej:

Bejn Ġunju u Settembru – mis-6.00pm sat-8.00pm; u

Bejn Ottubru u Mejju – mit-3.00pm sal-5.00pm.

2.8.4. Is-Sindku qal li dan is-suġġett ġie trattat waqt laqgħa li saret fit-3 ta' Lulju 2014 mas-Supretendent tal-Pulizija M. Bayliss u ż-żewġ spetturi tad-distrett. Is-Sur J. Buttigieg għarraf ukoll illi suġġetti oħra li ġew trattati kienu jinvolvu l-ikkampjar u *caravans*.

### 2.9.1. Tindif ta' toroq arterjali qrib il-kosta (T/4/5/Vol IV)(T/4/6/Vol IV)

2.9.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-minuta 14.6 tas-seduta preċedenti u staqsa dwar jekk kinux ġew aġġustati l-ħinijiet tat-tindif tal-Kunsill mal-*promenade* tal-Għadira u fiċ-Ċirkewwa.

2.9.3. Is-Segretarju għarraf li fi tweġiba li taw il-Cleansing Services Department permezz ta' imejl tad-9 ta' Lulju 2014, ma speċifikawx ħinijiet fissi, iżda minflok taw perjodu twil matul il-ġurnata, bejn is-7.00am u s-6.00pm.

2.9.4. Is-Sindku qal illi minn dak li qed josserva s-servizz li qed jingħata mis-CSD mhux qed ikun daqshekk kmieni u għaldaqstant is-servizz li jingħata mill-Kunsill għandu jitħalla kif kien s'issa, kmieni fil-ġurnata.

2.9.5. Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment tas-Sindku fil-minuta 2.9.4. aktar 'il fuq.

### 2.10.1. Malta Jazz Festival (A/5/5/Vol VII)

2.10.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.6.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li s-serata parti mill-Jazz Festival ser tkun f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II fil-15 ta' Lulju 2014 fid-9.00pm. Fost il-mużiċisti ser ikun hemm il-grupp ta' Mro. Paul Abela.

2.10.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 24/06/14;
- Skeda ta' Pagamenti – 20/06/14 – 09/07/14;
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Minuti – *Tender Adjudication Board* – 10/07/14;

- Sejħa għall-Offerti 4/2014 – Restawr tal-Għajn tal-Mellieħa – Skeda ta' Offerti
- Abbozz tal-Programm Iljieli Melleħin 2014

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Sewqan perikoluż fi Triq in-Naħħalija (T/3/2/Vol XII)

4.1.2. Saret referenza għal imejl datat 3 ta' April 2014, mibgħut mis-Sur Alex Miruzzi, fejn talab li jsiru *road humps* fit-triq imsemmija minħabba sewqan b'veloċita` qawwija li jsir fl-istess triq.

4.1.3. Il-Kunsill ma approvax din it-talba peress li Triq in-Naħħalija tifforma parti minn rotta tal-karozzi tal-linja, kif ukoll tintuża ħafna mill-*coaches* tat-turisti.

### 4.2.1. PA 1953/14 – Żvilupp fl-inħawi Tat-Tomna (P/5/8/T)

4.2.2. Inġibdet l-attenzjoni għal applikazzjoni li saret lill-MEPA illi tinvolvi r-rijabilitazzjoni ta' barriera għall-ħażna temporanja ta' skart goff, ipparkjar ta' vetturi wżati għall-ġbir tal-iskart, livellar tal-art u kostruzzjoni ta' ġiebja taħt l-art, maħżen u kamra għal ġeneratur tal-elettriku.

4.2.3. Il-Kunsill qabel li għandu jirreġistra l-posizzjoni dwar din l-applikazzjoni bħala *objector* in vista tas-sensivita` tal-post u fin-nuqqas ta' informazzjoni dwar it-talba. Kien hemm qbil li għandhom jsiru l-kuntatti sabiex jinġabar it-tagħrif meħtieġ bil-għan li l-Kunsill ikun infurmat biżżejjed meta l-applikazzjoni tiġi trattata mill-*Environment Planning Commission*. Ġie deċiż ukoll li għandha ssir spezzjoni fuq il-post.

### 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 4 ta' Lulju 2014.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-isemmija skeda.

### 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet marbuta ma' Servizzi u Materjal

6.2. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fl-iskeda mressqa li tkopri bejn l-20 ta' Ġunju u d-9 ta' Lulju 2014.

6.3. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fiż-żewġ skedi u għaldaqstant kien hemm qbil li l-istess skedi għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku www.lc.gov.mt.

### 7.1. Nomina għall-ħatra ta' Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ (Z/1/Vol V)

7.2. Tressaq *curriculum vitae* tas-Sinjorina Erica Galea, kif kien miftieħem fis-seduta preċedenti.

7.3. Wara li l-Kunsill ra l-*curriculum vita* tal-persuna msemmija, ġie deċiż li għandha tiġi maħtura s-Sinjorina Galea, wara li jinġieb il-kunsens tal-ġenituri tagħha.

### 8.1. Sejħa għall-Offerti Nru. 2/2014 – Titjib ta' Toroq Rurali (P/10/5)

8.2. Is-Segretarju ressaq ir-rakkomandazzjoni tat-*Tender Adjudication Board* skont kif irrappurtata fil-minuti tal-laqgħa tal-istess Bord li saret fl-10 ta' Lulju 2014.

8.3. Il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-Bord u ddeċieda li għandha tinħareġ ittra ta' aċċettazzjoni lill-offerent Central Asphalt Ltd.

### 9.1. Sejħa għall-Offerti Nru. 4/2014 – Restawr tal-Għajn tal-Mellieħ (R/2/Vol II)

9.2. Saret referenza għar-rakkomandazzjoni tat-*Tender Adjudication Board* li ltaqa' fl-10 ta' Lulju 2014, skont kif irrappurtat fil-minuti rispettivi li ġew sottomessi qabel din is-seduta.

9.3. Il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-Bord u qabel li għandha tinħareġ ittra ta' aċċettazzjoni lill-offerent Salamanda Ltd.

## 10.1. Tħejjijiet għall-Iljieli Melleħin 2014 (A/5/3/5/Vol V)

10.2. Il-Viċi Sindku għarraf li saru arranġamenti sabiex tingħata pubbliċita` fuq il-media, li jinkludu l-News, Guide Me Magazine; The Malta Independent; In-Nazzjon; il-Kull Ħadd; Gwida; Times of Malta, u Best Buy. Is-Sur C. Bartolo qal li qabel is-seduta huwa kellu intervista fuq Radju Malta. Għarraf ukoll li fil-25 ta' Lulju 2014 ser ikun hemm konferenza stampa li hemm il-possibilta` li jattendu għaliha l-Ministru l-Onor. Chris Cardona (Ekonomija, Investment u n-Negozji Żgħar) jew l-Onor. Owen Bonnici (Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali).

10.3. Is-Sur C. Bartolo ressaq abbozz tal-programm li jkopri t-8, id-9 u l-10 ta' Awwissu 2014, illi kopja tiegħu qed tiġi mehmuża ma' dawn il-minuti. Id-delegati li ser jieħdu sehem fil-proġett "*Bringing the EU Closer to the Local Communities*" ser jibdew jaslu fis-7 ta' Awwissu.

10.4. Huwa qal li qed isir sforz biex jinġieb *sponsorship* minn entitajiet governattivi u privati, u fil-fatt għaddejjin kuntatti mal-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu, Splash & Fun Ltd, Vodafone (Malta) Ltd; Go & Fun Energy Drink, u M & Z Marketing.

10.5. Il-Kunsill ġie mgħarraf li biex jiġu evitati l-problemi ta' konġestjoni li kien hemm f'edizzjonijiet preċedenti, mhux ser jitħallew vetturi pparkjati għal wiri fi Triq Ġorġ Borg Olivier bi dritt Triq Adenau, filwaqt li l-pont ta' Triq Adenau ser ikun riżervat biss għall-imwejjed u siġġijiet armati mill-Maritim Hotel Antonin & Spa u l-Pergola Club Hotel. Għaldaqstant mhux ser ikun hemm *play equipment* għat-tfal. Jidher li hemm interess li jsir l-istess quddiem il-Billy's Music Club fi Triq l-Għoljiet bejn Triq in-Naħal u Triq l-Etna. Triq il-Kbira, Triq Ġorġ Borg Olivier u Triq l-Erwieħ ser jingħalqu fid-9 u l-10 ta' Awwissu wara s-6.00pm biss.Huwa qal li ser issir laqgħa għal dawk kollha li ser jieħdu sehem nhar it-Tnejn 21 ta' Lulju 2014.

10.6. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li qed tittieħed.

## 11.1. Trasport għall-Anzjani (A/1/2/Vol VII)

11.2. Il-Kunsillier J. Attard aġġorna lill-Kunsill bin-numru ta' anzjani li jiffrekwentaw iċ-Centru ta' Matul il-Jum f'Dar il-Madonna tal-Mellieha, u li għamlu użu mit-trasport matul ix-xahar ta' Ġunju 2014. Huwa għadda t-tagħrif li jidher fl-iskeda ta' hawn taħt:

| Data (Ġunju) | Nru. ta' Anzjani |
|---|---|
| It-Tlieta 3 | 8 |
| Il-Ħamis 5 | 7 |
| It-Tlieta 10 | 11 |
| Il-Ħamis 12 | 2 |
| It-Tlieta 17 | 8 |
| Il-Ħamis 19 | 12 |
| It-Tlieta 24 | 12 |
| Il-Ħamis 26 | 2 |

11.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 12.1. Ħlas tal-*performance bonus* lill-impjegat sekondat mal-Kunsill (H/4/Vol II)

12.2. Is-Sindku għarraf li l-impjegat tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali – is-Sur Stephen Borg - bħala uffiċjal issekondat mal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa - għamel talba lill-*Public Administration Human Resources Office* sabiex jingħata l-*performance bonus* li jistgħu jingħataw l-uffiċjali mpjegati direttament mal-Kunsill skont l-Artiklu 19 tar-Regolamenti dwar ir-Riżorsi Umani (Kunsilli Lokali).

12.3. Is-Segretarju stqarr li huwa talab direzzjoni dwar din it-talba mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, peress li, mill-Artiklu 19 ma joħroġx ċar dwar jekk dan ir-regolament jistax jiġi applikat fil-każ ta' persuna li ma tirċevix salarju mingħand il-Kunsill.

12.4. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

### 13.1. *Speed humps* f'Dawret it-Tunnara (T/3/2/Vol X)

13.2. Il-Kunsillier J. Gauci ġibed l-attenzjoni dwar *speed humps* li saru quddiem il-*boathouses* li hemm taħt ir-riħ ta' Dawret it-Tunnara. Huwa qal li dawn saru mingħajr permess, filwaqt li tant huma għoljin li qed jagħmlu ħsara fil-vetturi meta jgħaddu minn fuqhom.

13.3. Il-Kunsill qabel li għandha tittieħed azzjoni.

### 14.1. Riżultat ta' Kwestjonarju dwar il-Ħajja fil-Mellieħa (K/14)

14.2. Il-Sindku aċċenna għall-preżentazzjoni tar-riżultat ta' kwestjonarju li saret fil-11 ta' Lulju 2014 mill-Għaqda Soċjali 8 ta' Settembru 2014, fejn irriżulta li minn madwar 5,000 formola li tqasmet wieġbu 1,006, minkejja l-isforżi li għamlet l-istess għaqda. Is-Sur J. Buttigieg qal li b'hekk l-opinjonijiet ta' bqija tar-residenti illi ma wieġbux tibqa' mhux magħrufa. Dawn jammontaw għal madwar 4,000. Is-Sur J. Buttigieg kompla jgħid li fost affarijiet li ġew trattati kien hemm l-aspettattiva tar-residenti dwar il-Kunsill Lokali. Huwa għalhekk ippropona li hekk kif jgħaddi s-sajf, għandha ssir stedina lil-Professur Joseph Triosi sabiex jagħti l-interpretazzjoni tiegħu tar-riżultati f'dak li jirrigwarda dan l-aspett tal-kwestjonarju.

14.3. Il-Kunsill qabel mas-suggeriment tas-Sindku.

### 15.1. PA 4164/07 - Antenna tat-telefon cellulari f'Tat-Tomna (P/5/8/T)

15.2. Il-Kunsillier P. Cutajar ġibed l-attenzjoni għall-permess li nħareġ sabiex tiġi nstallata l-antenna msemmija, li hija twila 18-il metru. Huwa staqsa dwar jekk il-Kunsill kienx infurmat dwarha.

15.3. Is-Segretarju wieġeb li kienet saret oġġezzjoni fis-7 ta' Awwissu 2007 li ġiet imtennija fit-2 ta' April 2014. L-oġġezzjoni saret għab-bażi tal-impatt estitiku li jħalli t-tagħmir imsemmi.

### 16.1. Użu ta' *barbecue* fi Triq l-Għoljiet (T/4/10)

16.2. Il-Kunsillier E. Bartolo għarraf li huwa ġie avviċinat minn xi ġirien li joqgħodu qrib il-Billy's Music Club, li lmentaw miegħu dwar l-użu ta' *barbecue* fuq il-bankina li hemm quddiem l-istess stabbiliment. Dan sar għal tliet darbiet konsekuttivi nhar ta' Ħadd filgħaxija. Huwa kkummenta li dan m'għandux ikun għaliex filwaqt li qed tiġi ostakulata l-bankina, qed ikun hemm inkonvenjent bid-duħħan u l-irwejjaħ li jiġu ġġenerati.

16.3. Ittieħdet nota sabiex dan ma jibqax isir mill-operatur tal-istabbilment imsemmi.

### *17.1.* *Seaside Slam* fl-Għadira (S/4/2/Vol III)

*17.2.* Il-Kunsillier H. Fenech ippropona li l-attivita` imsemmija ssir fis-17 ta' Lulju 2014 fis-7.00pm issir fil-Bajja tal-Għadira fil-parti tan-nofs bejn il-Maxima Lido u s-San Remo Lido. Huwa spjega li din l-attivita` tkun tikkonsisti f'kompetizzjoni bi premju u tappella għal żgħażagħ minn tlettax-il sena 'il fuq. Qed jiġi propost li l-parteċipanti jħallsu €5 kull wieħed sabiex ikopru l-ikel u x-xorb. Jintalbu wkoll iħallsu €2 bħala sħubija. Id-dħul minnha, wara li jinqatgħu l-ispejjeż ser imorru b'riżq is-santwarju tal-annimali - Noah's Ark. L-applikazzjonijiet jgħalqu fil-15 ta' Lulju. Is-Sur H. Fenech qal l-attivita` ingħatat pubbliċita` fuq il-Facebook.

*17.3.* Il-Kunsill approva din l-attivita`.

### 18.1. Kontroll tat-traffiku fil-Ħdud (P/9/Vol III)

18.2. Il-Kunsillier D. Vella ġibed l-attenzjoni li qed ikun hemm ipparkjar ta' vetturi bl-addoċċ nhar ta' Ħadd, partikularment fit-telgħa tal-Ahrax u għalhekk jeħtieġ li jkun hemm superviżjoni mill-Pulizija tat-Traffiku.

18.3. Is-Segretarju qal li qed ikun hemm ipparkjar ukoll fuq il-linji sofor fi Triq il-Qammieħ, wara l-*Caravan Site*, bir-riżultat li s-sewwieqa ta' vetturi kbar qed isibuha diffiċli biex jgħaddu.

18.4. Is-Sindku qal li huwa nnota li l-Ħadd 13 ta' Lulju 2014 kien hemm *patrol* mill-Pulizija tat-Traffiku u l-effett tagħha kien wieħed ferm pożittiv.

18.5. Il-Kunsill qabel li għandu jsir appell lis-Supretendent responsabbli mill-Pulzija tat-Traffiku sabiex il-*patrols* jibqgħu jsiru regolari.

## 19.1. Card **fl-okkażjoni tal-festa tal-Vitorja f'Dar il-Madonna tal-Mellieha (A/5/3/Vol VIII)**

19.2. Il-Kunsillier J. Attard ippropona li fl-okkażjoni tal-festa tal-Vitorja titpoġġa *card* kbira fid-daħla ta' Dar il-Madonna tal-Mellieħa, fejn ulied u qraba tal-anzjani residenti hemmhekk ikunu jistgħu jiktbu messaġġ. Huwa ppropona li din il-*card* issir mis-Sinjura Davinia Laferla Turner.

19.3. Il-Kunsill approva l-proposta mresqa.

### AĠĠORNAMENT

Is-Seduta spiċċat fl-9.40pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 4 ta' Awwissu 2014 fis-7.30pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**